# Q O R T I Ċ I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 26 ta' April 2018**

Rikors Guramentat Nru. 153 / 16 RGM

Kawza fil-lista: 10

**A B C**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Peress illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) f'Malta u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg;

2. Peress illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

3. Peress li anke matul dan iz-zwieg l-partijiet ma kienux jikkondividu intimita` partikolari fis-sens illi anki fejn jidhlu finanzi kulhadd dejjem zamm il-finanzi tieghu ghalih u qatt ma ppartecipaw f'komunjoni attiva;

4. Peress illi erbat (4) ijiem qabel ma zzewgu l-partijiet anki marru ghand Nutar sabiex l-esponenti tiffirma karta li tikkawtela l-jeddijiet tal-intimat fuq proprjeta` parafernali taghha, fuq ghazla tal-intimat u talba tal-intimat stess; bl-intiza u peress li kien gia haseb biex ikopri lilu nnifsu;

5. Peress li l-partijiet isseparaw minn ma’ xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li sar nhar l-erbatax (14) jum ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax; (2016)

6. Peress li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

7. Peress li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed iehor aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

8. Peress l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Jghid ghalhekk l-istess intimat ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvediment opportuni:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota guramentata tal-konvenut datata 8 ta’ Awwissu 2016[1] li permezz taghha huwa ssottometta illi b’mod generali jaqbel mal-premessi tar-Rikors guramentat tal-attrici izda jippreciza illi kienet l-istess attrici li gabet il-firda u birda bejn il-koppja tant li anke meta gew biex jistabbilixxu d-dar matrimonjali taghhom, hija ghazlet li takkwistaha b’donazzjoni esklussiva f’isimha biss u mhux f’isem iz-zewg partijiet. Il-konvenut fl-imsemmija nota tieghu jikkjarifika ulterjorment illi huwa l-kunsens tal-attrici li huwa ivvizjat b’difett serju tad-diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u dan peress li hija baqghet dejjem qiesha ghadha xebba mhux mara mizzewga, il-hin kollu mohhha f’ommha, liema komportament il-konvenut jghid li jsarraf ukoll f’eskluzjoni pozittiva taz-zwieg da parti tal-istess attrici.

Finalment, il-konvenut jissottometti illi huwa jaqbel li l-partijiet kellhom hajja mizzewga mfixkla minhabba nuqqasijiet taghhom it-tnejn ghaliex ma kienux jafu jikkondividu u jghixu ta’ mizzewgin billi l-attrici kienet tqatta’ hin ghand ommha

[1] Fol 9.

iktar milli kien necessarju u biex tiehu decizjoni, din trid dejjem tittiehed in konsultazzjoni mal-istess ommha.

Rat id-Digriet taghha moghti fl-udjenza tas-6 ta' April 2016 fejn innominat lil Dr. Barbara O'Brien bhala Assistent Gudizzjarju bis-soliti fakoltajiet;

Rat li waqt l-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2017 l-avukati tal-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx iktar provi;

Rat ix-xhieda kollha kif ukoll l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet ipprezentati mill-partijiet;

Rat id-digrieti kollha taghha;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni Attrici**.

Illi permezz ta' din il-kawza, l-attrici qed tfittex dikjarazzjoni li z-zwieg li gie celebrat bejnha u bejn il-konvenut fit-28 ta' Gunju 2013 huwa null u invalidu fil-ligi a tenur tas-subincizi (c),(d) u (f) ta' l-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut. Il-konvenut da parti tieghu, filwaqt li jaqbel illi z-zwieg bejn il-partijiet jigi dikjarat null, isostni li ghal din in-nullita` tahti l-attrici u mhux hu.

**Provi**

**Verzjoni Attrici**

L-attrici **A B C** xehdet permezz ta' Affidavit:-

Gherusija:

*1. Iltqajt ma' Eman fis-sena 2004 meta kelli ghoxrin sena. Allura ltqajna l-Youth Centre, Hal Tarxien.*

*2. Wara xi zmien li konna ilna flimkien, il-genituri tieghi xtaqu li jtuni il-post bhala donazzjoni, Eman ried li l-post ikun fuqu wkoll, pero' kemm jien u kemm il-genituri tieghi dan ma xtaqnihx ghall-fatt li dan il-post kien inaghata b'donazzjoni. Barra minn hekk, min-naha tieghi, ma kontx nara xi hegga*

*partikolari f'Eman biex jitlesta l-post. Pjuttost kull haga li kien jaghmel kien qisu qed jaghmilha bi pjacir lili, jew qed jahdimha bhala xoghol ghalija, u mhux ghalina biex ingawduha flimkien.*

*3. Konna ftehmna li xi xoghlijiet, bhal soqfa tal-gypsum. tibjid ecc fil-post kienu se isiru minn Eman. Dan ma kienx xoghlu professjonali, pero' f'kull bicca xoghol li ghamel saqsa, u fittex informazzjorni kif seta' jahdem. Sadanittant beda jiccekkja u jigbor stimi daqs li kieku dawn ix-xoghlijiet saru b'mod professjonali. Hu kien izomm kont sa l-inqas haga li kien jixtri jew juza biex iahdem. Meta tlesta x-xoghol, Eman zied dawn l-ispejjez li kien ghamel mal-istimi li kien ha qabel biex hareg bil-kont finali (daqs li kieku qabbadna n-nies biex dawn ix-xoghlijiet isiru b'mod prfessjonali).*

*4. Minhabba li qatt ma xtaqt li niehu loan mill-bank, il-genituri tieghi dejjem xtaqu li jghinuna kif jistghu minghajr interessi. Minhabba l-fatt li jien m'ghandix huti setghu jghinuna ftit iktar ghax dejjem xtaquna li nkunu komdi, kemm fid-dar u anki finanzjarjament. Meta offrew li jhallsulna xi affarijiet fid-dar bhal-puggaman tat-tarag, (anki minhabba l-fatt li dan kien perikoluz kif kien qabel) jien u Eman dejjem ghazilna x-xoghol skont il-gosti taghna.Rigward ghamara. hadem kollox missieri peress li xoghlu huwa ta' mastrudaxxa professjonali. Dan ix-xoghol sar kollu minghajr interessi.*

*5. Fiz-zmien tal-gherusija wkoll, Eman kien xtaq li jibdel l-karozza personali tieghu u biex ma jidholx f' loan mal-bank, missieri kien silfu xi flus (€8000) biex ma jehilx imghax zejjed. dan biex nuri li l-genituri tieghi ma kinux. hemm biex jghinura fil-post biss, imma meta raw il-bzonn, dejjem ippruvaw ikunu ta' ghajnuna. Lil Eman kienu jistmawh daqs li kieku kien binhom.*

*6. Meta wasal iz-zmien biex nizzewgu, Eman ried li ssir skrittura legali ghand in-nutara fejn inizzel l-ispejjez u x-xoghlijiet li kien ghamel, biex skont hu jekk jinqala' xi haga ma jkunx hemm inkwiet wara. Dan ried li jsir erbat ijiem qabel iz-zwieg, u proprju fl-24 ta' Gunju 2013, biex ikun tnizzel kull tip ta' xoghol li kien sar. Morna ghand in-nutar fejn ghamel dikjarazzjoni ta' €32,500. Dan ghamlu bi skop li jekk jinqala' xi haga fiz-zwieg, jien irrid intih dan l-ammont lura fi zmien 10 snin mid-data tal-kuntratt. Min-naha tieghi m'oggezzjonajtx ghar-raguni ta' fiducja shiha li kelli fir-ragel futur tieghi.*

*7. Bhala preparamenti ghaz-zwieg, attendejna l-laqghat tal-kors ta' Kana u anki kellna xi laqghat ta' preparazzjoni mal-qassis li kien se jikkoncelebra l-quddiesa tat-tieg taghna. Min-naha tieghi dejjem hassejtni preparata ghal dan il-pass li kont ser niehu.*

*Zwieg:*

*8. Fil-bidu li zzewwigna l-affarijiet ma kienux sejrin hazin. Mill-bidu, Eman kien tal-fehma li parti mill-paga taghna t-tnejn tmur go kont joint, u parti tibqa' f' kont personali. Min-naha tieghi qatt ma kont inkun naf l-ammont ezatt tal-paga tieghu. Rigward il-kont personali, meta gieli tkellimna, kien jaghmilha cara li jien m'ghandix x'naqsam mieghu, u juzah kif irid hu. Minnu kien jixtri affarijiet ghalih personali, bhal affarijiet marbutin mal-passatemp tieghu tal-bahar, fost l-ohrajn.*

*9. Min-naha tieghi, mill-kont personali, kemm il-darba uzajt dawn il-flus personali biex nixtrih xi affarijiet ghad-dar. Jien id-dar toghgobni u niehu gost narmaha. Min-naha ta' Eman dejjem kien jilmenta li ma jinteressahx mid-dar u mit-tizjin ta' go fiha. Mhux l-ewwel darba li xtaqt li nsiefru flimkien u minhabba l-fatt li dejjem jghidli li ma nistghux minhabba l-flus, hrigt ammont sostanzjali mill-kont personali tieghi. F'dak il-punt, ghalija, r-relazzjoni taghna kienet tigi l-ewwel u qabel kollox.*

*10. Mill-kont personali tieghu, fost l-ohrajn, xtara mutur tal-ghamla Ducati li jien ma kontx naf bih. Meta kont issuspettajt li kien se jixtri mutur kont ghamilt gimgha shiha nsaqsih u dejjem kien jinnega. Meta mbaghad kien hallas l-insurance u fuq l-envelope rajt miktub "motorcycle", (ghax sadanittant kien ghadu ma nfurmani b'xejn) u ergajt saqsejtu jekk hux se jixtri xi mutur, qala' argument u glieda kbira, b'hafna ghajjat u tisbit. Beda jghidli li jien m'ghandix x'naqsam u biex ma nindahalx fl-affarijiet tieghu. Meta saqsejtu ghalfejn ma kienx qalli, ladarba kien jaf li jien il-muturi jinteressawni wkoll, ir-risposta tieghu kienet "Ghax hekk ridt. Dak tieghi u ma tindahalx". Jien iddispjacieni ghal din it-tip ta' attitudni ghax bhalma jaf hu stess, dejjern issaportjajtu f' kull decizjoni li kien jiehu.*

*11. F' Novembru 2015 innutajt li Eman kien qed igib ruhu differenti mis-soltu. Kont introssu li lili qed iwarrabni u jitbieghed minni. Minhabba l-fatt li kont naf' li fuq ix-xoghol kienet inqalatlu kwistjoni li kienet inkwetatu xi ftit, u l-fatt li f' dak iz-zmien ommu kienet ghaddejja minn zmien difficli minhabba kwistjoni ta' sahha, jien minn naha tieghi ppruvajt nghinu holistikament b'kull mod possibbli.*

*12. Ghall-habta ta' Jannar 2016, Eman beda jigi bl-argument li ahna m'ghadniex kompatibbli flimkien ghal diversi ragunijiet, fosthom li hu jrid isiefer wahdu ghal xhur shah, li wara x-xoghol johrog mal-hbieb u li ma jinteressawhx l-affariiiet tieghi. Mela mistoqsi x'qed izommu milli jitlaq mir-relazzjoni, it-twegiba kienet "Biex nara x'inhu worth it", u rispett tal-genituri biex ma jinkwethomx. Meta saqsejtu jekk ihossu li kien preparat ghall-commitment taz-zwieg, ir-risposta kienet "Jien qatt ma zzewwigt qabel", u li ma kienx preparat, ghalkemm korsijiet u laqghat tal-formazzjoni morna hafna.*

*13. Kwistjoni ohra li nqalghet f' dan iz-zmien kienet li ma riedx tfal fiz-zwieg. Dejjem baqa' jsostni l-fatt li hu jghix hajtu u jien nghix hajti. F'Jannar 2016 kien qalli li ma jridx tfal , u l-iskuza li kien igibli kienet redikola sahansitra li ghax jibza' li t-tfal jigu mmankati - ghalhekk lanqas ppruvajna jkollna x'naqsmu biex ikollna t-tfal. Dan id-diskors tat-tfal immankati kien qalu anki lil ommi u kien iffissa li kien ser ikollna tfal immankati - ghax xi hadd fuq ix-xoghol hekk kien qallu.*

*14. F'dan il-punt jien hassejt li ghandna bzonn niehdu pariri u ghajnuna professjonali biex insalvaw iz-zwieg taghna. Eman dejjem kien isostni li m'ghandnix bzonn din it-tip ta' ghajnuna. Wara xi zmien, meta l-affarijiet bdew jiggravaw, beda jmur wahdu ghand il-counsellor, Matthew Bartolo. Jien kont mort ukoll ghandu ghal parir, pero' dan infurmani li ma setax jara lili wkoll bhala klijenta tieghu. F'dan iz-zmien kont nipprova nitkellem ma' Eman biex immorru counselling sessions flimkien ghax wara kollox il-problemi li kellna kienu taghna t-tnejn u mhux individwali. Eman qatt ma ried li mmorru flimkien, anzi kien isostni li jmur wahdu u jekk ghandi bzonn infittex l-ghajnuna jien ukoll.*

*15. Min-naha tieghi, fittixt ghajnuna professjonali tal-psikologu Dr Victor Shields. Dan, fost l-ohrajn, issuggerili wkoll li nattendu sessions flimkien, pero' Eman baqa' sal-ahhar isostni li dan qatt ma jridu. Jien bqajt nimxi fuq il-pariri li kien jaghti lili, li ghenuni biex ma nidholx f' dipressjoni.*

*16. F' dak iz-zmien l-argumenti u d-dizgwit baqghu ghaddejjin. F' mohhu Eman dejjem kellu li jrid jikri post u jitlaq. B'dan kollu jien dejjem infurmajt lill-genituri tieghu, minhabba l-fatt li minn dejjem kelli relazzjoni tajba hafna maghhom. Huma kienu jistmawni u jirrispettawni hafna. Jien min-naha tieghi bqajt sal-ahhar nipprova nitkellem mieghu u nifhem ezatt x'kien li gaghlu jasal sa hawn. Hafna drabi kien jirrispondini li ahjar niggieled mieghu u jkollu raguni ghal xiex jitlaq milli nibqa' nipprova nitkellem mieghu fuq is-sitwazzjoni ta' bejnietna. Hafna minn dan qieghed irrekordjat fuq recordings li gew ipprezentati ma' dan l-affidavit.*

*17. Ahna minn dan iz-zwieg ma kellniex tfal, ma kellniex relazzjoni ta' tnejn mizzewgin u konna qisna zewg persuni nghixu fl-istess dar izda f' dinja wahda ghalina.*

*18. Qatt ma ghexna hajja mizzewga kif suppost jew habbejna lil xulxin bhala mizzewgin.*

*19. Kont iktar qisni kelli hija jew proxxmu li spiccajt kelli relazzioni mieghu u bdejt nghix mieghu u li qisna wehilna flimkien minghajr ma kellna bizzejjed sahha biex inkabbru r-relazzjoni taghna f' xi haga li tirrifletti zwieg;*

*20. Kien anki biex wasalt biex nissepara meta wasal f' din l-estremita li kelli naghmel kuragg: u nahseb ghalija ghax fil-hajja li kont qieghqa nghix zgur li ma kinitx tirrifletti la zwieg u lanqas imhabba.*

*21. Kienet biss sitwazzjoni ta' diffikulta li jiena kelli nghix maqbuda go relazzjoni li lili la kienet qatt ha ttini milja ta' zwieg, la ha ttini mhabba u lanqas familja ghax il-biza' tat-tfal immankati kienet ikkontrollat il-futur taghna.*

*22. Ghalhekk jiena tkellimt ma' diversi professjonisti u qassisin u qaluli li dan iz-zwieg kien car li kellu l-elementi ta' null u ghamilt din il-kawza ghax Ernan qatt ma kien la lest jghix ta' mizzewweg jew igib ruhu mqar ta' ragel mizzewweg mieghi.*

Bhala provi l-attrici ressqet ukoll Affidavit ta' ommha Alfrida B[2], affidavit ta' missierha Joseph B[3] u ta' Dr. Victor Shields[4].

***Verzjoni Konvenut***

Il-konvenut **D E** wkoll xehed permezz ta' Affidavit[5] fejn iddikjara s-segwenti:-

*Gherusija*

*1. Ahna konna ltqajna l-Youth Centre ta' HalTarxien, dak iz- zmien jien kelli xi 20 sena u A daqsi ukoll ghax kull m' hemm gimgha bejnietna.*

*2. Wara zmien bdejna nidhlu id-dar ta' xulxin u wara ftit snin li konna ilna flimkien u relazzjoni ta' bejnietna bdiet tikber. Il-genituri ta' A tawha post b'donazzjoni. Jien minn naha tieghi xtaqt illi jekk il' quddiem konna ser nizzewgu r-residenza ghandha tkun tal- koppja u mhux ta' persuna wahda. Ommha kienet ta'spiss isemmi u tghidli illi issa li kienu_tawna post ghandna nirsistu biex nizzewgu. Jien minn naha tieghi bqajt nirsisti illi l-post ghandu jkun taghna tnejn u offrejt illi nixtri is-sehem tieghi izda minn naha taghhom huma baqaw ma qablux u lili offrerwli li naghmel ix-xoghol fil-post, nimla l-post u nzomm l-ircevuti ghal li jista' jinqala'.*

[2] Fol. 20 *et seq.*
[3] Dok. MBB2 a fol 32 *et seq.*
[4] Dok. MBB a fol. 35 *et seq.*
[5] Fol. 23 *et seq.*

*3. Jien wara li baqaw jirrifjutaw accetajt li nimla l-post u tkellimt ma' A u ghidtilha li certu xogholijiet (soqfa , tibjid, Gypsum, Ferro Battuto, dawl u ilma ecc) flok kont ser inqabad lin-nies kont ser naghmilhom jien u jitnizzlu mal-spejjez li nkun hrigt, dan sabiex nevitaw li jkollna naghmlu loan mal-bank. A kienet qablet rigward dan u ghaldaqstant bdejna nduru u niehdu l-ideat u l-istimi u wara li nsiebu dak li l- aktar joghgobna kont nibda nahdmu jien.*

*4. Jien kont inzomm rendikont ta' xoghlijiet kif ukoll tal-ispejjez ohra li kont nohrog sabiex nahdem u nlesti x-xogholijiet fil post. Dak iz-zmien A qatt ma gergret jew hasbet hazin u dan minhabba il-fatt li kull meta gieli staqsietni xi haga rigward xi rendikont jien dejjem spjegajtilha u wrejtha ukoll ix-xoghlijiet.*

*5. Wara snin li kont ili nahdem fil post jien ergajt tkellimt ma' A sabiex naraw jekk hux ha ssir xi tip ta' skrittura legali rigward l-ispejjez li kont qieghed nohrog jien. Jien u A qbilna li la xogholijiet kienu ghadhom mhux lesti kollha u kien baqa xi spejjez ohra x' jinhargu sa qabel nizzewgu, din l-iskrittura ghandna nhalluha ghall-ahhar zmien qabel nizzewgu.*

*6. Waqt li konna qedghin inlestu l-post certu affarijiet xtaqt li ma jsirux dak iz- zmien minhabba li ma kelliex flus bizzejjed u ma xtaqtx li nidhol f'loans ma' banek. Meta kienet tara hekk ommha kienet gieli tiddeciedi li taqbad u thallsilna l-affarijiet hi. Jien nghid ghalija ma kontx niehu gost minhabba l-fatt li ma xtaqtx obbligazzjonijiet lejn hadd u dan ghaliex xtaqt illi fir-residenza matrimonjali taghna bhala kopja u ma jindahal hadd.*

*7. Meta tlestew ix- xogholijiet neccesarji u qrobna sabiex nizzewgu jien u A ergajna tkellimna rigward l-ispejjez hekk kif semmejt diga f'paragrafu numru 5. Jien gbart l-istimi, spejjez u xogholijiet kollha fuq karta u flimkien ma' A ergajna rajnijhom bir-reqqa. Jien u A qbilna li dawn l-ispejjez kienu sew u ma kien hemrn xejn irregolari fihom.*

*8. A tkellmet ma' ommha u ommha ghamlitilna appuntament ma' Nutar li kienet tahdem bih hi biex nanaw kif ser naghmlu x' tip ta' skrittura legali rigward l- spejjez li kont ghamilt jien. Wara li ommha ghamlitilna l-appuntament ma' Nutar jien u A morna flimkien u tkellimna rnaghha dwar l-ispejjez u Nutar tana l-parir li naghmlu kuntratt privat li kien validu ghal 10 snin mid data li jkun gie iffirmat . Ahna qbilna it-tnejn wara li spjegatilna l-kuntratt.*

*9. Zwieg*

*10. Meta zzewwigna konna kuntenti hafna u ghal bidu konna sejrin tajjeb hafna konna naghmu hafna affarijiet flimkien.*

*11. Meta zzewwigna konna qbilna t-tnejn li ahna illi l-paga ta' kull wielhed minnha, peress illi kienet ekwivalenti ghal ta' xulxin, ammont sostanzjali minnha jmur tfaddil bejnietna f' diversi kontijiet apposta ghal hlasijiet ta' kuljum sabiex nghixu u tfaddil. Konna qbilna ukoll illi parti zghira mill-paga konna nuzawha ghal uzu personali taghna u dan sabiex jekk kellna xi passatemp jew xi hadd xtaq jixtri xi haga ghalih personali dan kien ikun jista' jsehh minghajr ma jbati l-kont ta' tfaddil komuni ta' bejnietna.*

*12. Ir-residenza kienet tinsab ftit il' boghod mir-residenza tal-genituri ta' A. A baqghet close hafna ta' ommha u kienet tqatta hafna hin maghha, ezempju filghodu qabel ix-xoghol titlaq kmieni u tmur ghand ommha, wara xoghol tghaddi ftit hin ghand ommha kif tasal id-dar jergaw icemplu lil xulxin, filghaxija mhux darba jew tnejn li regghet marret hemm ukoll u meta kont inkun xoghol ta' bil-lejl kienet tmur torqod hemm peress li kienet tibza' id-dar wehidha.*

*13. Jien din il-haga ma kinitx iddejaqni ghal bidu. Izda mbaghad wara zmien bdejt ninnotha li A u ommha kienu saru close hafna u A nhoss li kinet bdiet tigi nfluwenzata minn ommha f'certu decizjoniiiet bhal:*

- *a. Jien ghandi Familjari l-Awstralja u kont xtaqt li mmur inzurhom u dan kont ili nixtiequ mill-gherusija izda minhabba problema ta' flus ma kontx mort. Wara z-zwieg ergajt bdejt inzerzaq xi kelma izda A kienet hasritli ghaliex xahar kien zmien twil wisq il' boghod minn ommha.*

- *b. Kellna zewgt itwieqi kbar hafna fuq wara tal-post li fl-gherusija konna tkellimna u qbilna li jsiru dawn it-twieqi sabiex ikollna post imdawwal u b'ventilazzjoni ta' arja tajba. Izda gara illi ommha ddecidiet illi tmur tixtrilna purtieri li jiswew hafna flus sabiex jitpoggew ma' dawn it-twieqi. Sabiex ma tigrix hsara fuq dawn il-purtieri spiccajna bil-blinds dejjem mnizzlin u twieqi dejjem maghluqa. Konsegwenza ta' dan spiccajna bil-post mudlam u bi problema ta' moffa ma' kullimkien.*

- *c. Kellna xi vetrini fil-kuritur li spiccaw intlew b' affarijiet li kiernet ittina ommha u meta gieli tkellimt sabiex forsi nzejjnu b' xi affarijiet minn tieghi jew li joghgbu lili bhal kollezzjoni ta' bebbux tal-bahar jew kollezzjoni ta' tazzi, dawn ma kienux jaqblu mieghi u l-affarijiet tieghi kienu jispiccaw fuq ir-raff gol-garaxx.*

- *d. Ahna meta izzewigna kellna kcina kbira fil kamra ta' fuq tal-post, pero` fl-ewwel sular kellna kamra ohra illi xi darba kellha issir kcina sabiex nilqaw in nies fiha. Imma minhabba illi biex taghmel dawn l-affarijiet trid l-flus konna behsibna nistennew biex naghmluha. Sadanittant jiena kont*

*nuzaha biex nzomm xi affarijiet gewwa fiha u kif ukoll nittrenja gewwa fiha meta tkun ix- xita. Omm A kienet bdiet tghid lil A illi kien wasal iz-zmien illi din l-kcina issir ghax zewgha kien qieghed jikber u peress li hu mastrudaxxa jaf il' quddiem ma jkunx jista' jaghmlilna. Jien minn naha tieghi ma xtaqtx illi ssir u ghaldaqstant oggezjonajt izda kien kollu ghalxejn. A hallset l-ispejjez kollha hi u l- kcina saret xorta,*

*Dawn l-affarijiet lili kienu jdejquni hafna ghax kont inhoss li dawn huma kollha obbligazzjonijiet zejda u kif ukoll kont gewwa dik li suppost hija dahri u kelmti ma tiswiex.*

*14. Ghal habta ta' Dicembru 2015 kienu nqalawli problemi kbar fuq il-post ta' xoghol kif ukoll il-ommi mardet b'marda terminali. Dawn il-problemi bdew joholquli certu stress f'hajti.*

*15. Jien fis-sena 2016 ergajt bdejt nipprova nkellem lil A dwar ix-xewqat tieghi li nsiefer u ghidtilha ukoll illi jekk kemm-il darba ma xtaqitx tigi ghal xahar mieghi deijem stajt immur wahdi nzur lil familjari. Izda hi ma qablitx.*

*16. Aktar il' quddiem fis- sena 2016 jien kont thajjart li nixtri mutur pero` kont ghadni indeciz x' ser nixtri. Dan il-fatt kont gieli tkellimtu ma' A u gieli tkellimna dwar x'tip ta' mudelli joghgbuha. Konna ftehmna ukoll illi l-mutur jithallas mit-tfaddil personali hekk kif msemmi f' paragrafu numru 11. Giet gurnata fejn rajt mutur Ducati bhal ma konna gieli semmejna jien u A li ghogobni u ddecidejt li nixtrih. Jien lil A ma semmejtilha xejn dan m'ghamiltux b' habi jew hazen izda sempliciment biex naghtiha sorpriza. Izda gara li kif indunat A din hasbet illi jien ridt nahbi minnha.*

*17. Darba minnhom kellna argument u iggilidna u jiena waqt rabja ghidt lil A li jkun ahjar jekk nieqfu milli nibqaw b' dan il-glied bejnietna. Ftit wara kienu gew ommha u missierha id-dar taghna u qaluli sabiex nara x' ghandi tieghi u nitlaq il- barra mill-fond. Jien irrifjutajt u ghidtilhom illi dik kient id-dar matrimonjali taghna u hadd ma kien ser ikeccini . Ommha kienet insistiet li jekk jien ser nibqa' gewwa l-fond m' ghandiex norqod aktar ma' A izda nibda norqod f'kamra ohra separata fuq is-sufan. Jien minn dakinhar hekk ghamilt. L-ghada kemm ommha u kemm missierha kienu skuzaw ruhhom.*

*18. Fil-bidu li zzewwigna konna it-tnejn tal-fehma illi naghmlu familja u jien bqajt b' din l-istess fehma fil-fatt provajna kemm il- darba li jkollna tfal. Pero` meta lejn l- ahhar beda jinqala' certu dizgwid bejnietna kont ghidt lil A li jekk l-affarijiet mhux ser jitrangaw bejnietna ahjar jekk nieqfu nipprovaw.*

*Jien u A kellna relazzjoni li damet ghal 13-il sena shah mhux ha nghid li kellna dejjem ferh jew dejjem dwejjaq pero` kienet relazzjoni mzewqa bi ftit minn kollox. L-ahhar sitt xhur nista' nghid li kellna bosta nkwiet u forsi saru jew ittiehdu certu decizjonijiet li setghu kienu influwenzati minn terzi persuni u/jew b'rabja u pika. Illum l-gurnata meta nhares lura nhoss li dawn id-decizjonijiet ma kienux decizjonijiet tajba. Jien minn naha tieghi quddiem din il-Qorti qieghed nghid illi lest li naghraf in-nuqqasijiet tieghi u qieghed nitlob lil A illi jekk dejjem hi tixtieq, infittxu ghajnuna professjonali jien u hi flimkien sabiex forsi nergaw ninghaqdu flimkien.*

Il-Qorti tosserva illi ma saru ebda kontro-ezamijiet tal-partijiet u lanqas tax-xiehda minnhom prodotti.

Ikkunsidrat;

Qabel xejn, in vista tal-qbil generali li jirrizulta li hemm bejn il-partijiet li z-zwieg taghhom huwa null u minghajr effett fil-ligi, il-Qorti tqis li jkun opportun li jsiru s-segwenti osservazzjonijiet.

**<u>Iz-Zwieg huwa Istitut ta' Ordni Pubbliku</u>**

Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' l-ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma necessarji biex jiggarantixxu l-importanza u s-serjeta` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`. Appuntu ghal din ir-raguni, il-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid-dispozizzjoniiet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda b'*lex specialis* taht il-Kap. 255, li telenka ir-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikjarat li huwa minghajr effett. Inoltre, tezisti a favur iz-zwieg prezunzjoni ta' validita` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigi dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita`:-

"*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe' li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*"[6]

[6] **Joseph Zammit vs Bernadette Zammit**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell, 27 Jannar 2006.

In-nullita` taz-zwieg hija ghalhekk eccezzjoni ghar-regola ta' validita` u konsegwentement, kull talba biex zwieg jigi dikjarat li qatt ma kien, ghandha titqies b'cirkospezzjoni filwaqt li tinghata wkoll interpretazzjoni ristrettiva[7]:-

*"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett… Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament".*

Finalment, fis-sentenza **Anna Tonna vs Alexander Tonna**[8], il-Qorti ta' l-Appell ghamlet dan l-insenjament:-

*"F'materja ta' żwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kapriccożament wara xi żmien ta' żwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieg u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerggħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament ragunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieg għandu jigi annullat pero` dan ma għandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta cara u mingħajr dubju."*

Ghalhekk, f'kull kaz, il-Qorti ghandha tgharbel il-provi u abbazi ta' dawk il-provi migjuba, tqis jekk jirrizultawx ragunijiet cari u serji li huma kontemplati mil-Ligi u li jwassluha ghall-konvinciment li z-zwieg huwa tassew invalidu, u dan irrispettivament mill-qbil jew amissjoni tal-parti l-ohra li z-zwieg ghandu jigi dikjarat li huwa null.

Ikkunsidrat;

Ezami tal-premessi u kawzali imressqa mill-attrici fir-Rikors promotur juri illi hija qed issejjes il-kawza minnha intavolta fuq tliet 'caput nullitatis' li l-**Artikolu 19 tal-Kap. 255** jipprovdi dwarhom. In tema legali, it-test tal-ligi rilevanti ghall-pretensjonijiet tal-attrici huwa s-segwenti:-

*"19 (1) B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:-*

[7] **Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell, 12 Lulju 1987.
[8] Deciza 6 Novembru 1991.

***c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;***

***d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;***

*omissis*

***f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

**Nullita` taht l-Artikolu 19(1)(c)**

***c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;***

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza tal-qrati taghna fl-interpretazzjoni taghhom ta' l-elementi mehtiega biex tigi ravvizata n-nullita` taht dan is-subinciz, li jridu jikkonkorru b'mod kumulattiv is-segwenti rekwiziti:-[9]

"*(1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;*
*(2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;*
*(3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u*
*(4) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.*"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Stephen Sciberras vs Av. Francesco Depasquale et nomine** moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002, gew hekk elaborati l-elementi li jikkostitwixxu dan il-*caput nullitatis*:-

*"Sabiex ikun hemm nullita' ta' zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixxkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita':*
*1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;*

[9] ***Mary Farrugia vs Joseph Farrugia***, decided by The First Hall, Civil Court, 13th March 1995

*2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;*
*3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;*
*4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;*
*5. tigi mistura frawdolment sabiex jigi ottjenut il-kunsens matrimonjali;*
*6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali."*

Ikkunsidrat;

Ezaminati l-provi u s-sottomissjonijiet maghmula, jirrizulta illi l-allegazzjoni attrici dwar il-qerq perpetrat mill-konvenut taht dan is-subinciz (c) tal-Artikolu (1) hija msejsa fuq l-istqarrija li tghid ghamel il-konvenut meta qal li ddejjaq jilbes maskra u ried jitlaq miz-zwieg. L-attrici tfisser ukoll li l-konvenut ma hassux komdu maghha fiz-zwieg u dejjem baqa' jfittex sens iehor ta' skop waqt iz-zwieg, fosthom li jibda johrog ma' shabu u jkun wahdu kif ukoll jsiefer wahdu. Skont l-attrici, qabel iz-zwieg il-konvenut heba minnha din ix-xewqa tieghu li jibqa' jsiefer wahdu u qarraq biha in kwantu ma riedx jghix hajja mizzewga u jkollu familja. Il-Qorti tqis li s-sottomissjonijiet l-ohra li ghamlet l-attrici fin-nota taghha taht il-kappa tal-Artikolu 19(1)(c) ma humiex relevanti ghal dan il-*caput nullitatis*[10].

Madanakollu, minn ezami tax-xhieda u provi akkwiziti, il-Qorti hija tal-fehma li l-agir tal-konvenut li tilmenta dwaru l-attrici taht dan is-subinciz tal-Artikolu 19(1), la jinsab sorrett mill-provi u lanqas ma jinkwadra b'xi mod bhala qerq da parti tal-konvenut li jista' jwassal ghan-nullita` taz-zwieg.

Ikkunsidrat;

In kwantu ghall-<u>kwalita</u>` ta' l-oggett tal-qerq – ghaliex mhijiex kull kwalita` tal-konjugi li tikkonfigura fit-termini ta' dan is-subinciz – il-kwalita` ghandha jkollha l-karatteristici li gew imfissrin fis-sentenza **John Borg vs Paula sive Polly Borg**[11]**:-**

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality* **must be** *objectively grave and establishes the partnership of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, properties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in*

[10] Ara paragrafi vi sa x a fol. 42.
[11] Deciza mill-Prim' Awla fit-22 ta' Mejju 1995.

*this sense, they are merely arbitrary or trivial". (**Viladrich P.J. Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot.**- Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur, Montreal).*"

Fis-sentenza **Marica D'Amato vs Philip D'Amato**[12] gie ulterjorment ritenut illi:-

"*Meta l-ligi titkellem "dwar xi kwalita' tal-persuna l-ohra" wiehed jifhem dawk il-kwalitajiet li jikkaratterizzaw fost aspetti ohra l-personalita', kultura, posizzjoni socjali, konvinzjonijiet morali, u edukazzjoni tal-konjugi l-iehor. Dan dejjem b'referenza ghall-mument taz-zwieg. U allura ma jistax jittiehed qies ta' dik il-verita' dwar dawn il-kwalitajiet skoperti wara z-zwieg.*"

In kwantu ghall-element tal-qerq, fis-sentenza fl-ismijiet **Pierina Micallef vs Bentanfous Amor**[13] il-qorti analizzat l-element tal-qerq fil-qafas partikolari tal-kunsens matrimonjali:-

*"Kwantu ghal "qerq" prospettat fis-subinciz (c) ghall-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255, dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)) ... "Il raggiro dev'essere capace di allontanare la ragione e sopraffare la volonta`" (Vol. XXIV P II p 578)."*

Ikkunsidrat;

Ghalkemm ma jidhirx li huwa kontestat li l-konvenut stqarr ma' omm l-attrici li kien iddejjaq jilbes maskra u ried iwarrab miz-zwieg, ma jirrizultax li fiz-zmien li l-partijiet izzewgu l-konvenut heba xjentenement u frawdolentement xi kwalita` inerenti tieghu mill-attrici . Il-Qorti lanqas tara kif l-attrici tista' issejjes it-talba taghha fuq ix-xewqa tal-konvenut li jzur xi familjari gewwa l-Awstralja, biex tipprova li l-konvenut qarraq biha billi heba din ix-xewqa tieghu. Jinsab assodat mill-provi illi mhux biss li l-konvenut kien ilu jixtieq li jsiefer l-Awstralja biex izur lil dawn il-familjari sa minn qabel iz-zwieg mal-attrici u li ma kienx mar dak iz-zmien minhabba problemi ta' flus, talli huwa xehed car u tond li meta rega' qanqal din ix-xewqa wara z-zwieg, il-proposta tieghu kienet li l-partijiet isiefru lejn l-Awstralja flimkien. Fil-fatt, jirrizulta li din is-safra baqghet qatt ma mmaterjalizzat appuntu ghaliex l-attrici ma ridietx issiefer ghal zmien daqshekk fit-tul. Ma ngabitx prova li l-konvenut siefer wahdu l-Awstralja minkejja l-oggezzjonijiet tal-attrici u lanqas jirrizulta li huwa qatt siefer post iehor minghajrha.

[12] Deciza mill-Prim Awla fil-31 ta' Jannar 2003.
[13] Prim'Awla, 9 Dicembru 2002.

Fi kwalsiasi kaz, il-Qorti ma tarax kif ix-xewqa li wiehed isiefer fuq vakanza gewwa l-Awstralja tista' tinkwadra bhala kwalita` tal-parti l-ohra ghall-finijiet ta' l-Artikolu 19(1)(c), skont il-principji regolatorji in materja fuq enuncjati, u f'dan il-kaz zgur ma jirrizultax li din ix-xewqa tal-konvenut fixklet serjament il-hajja matrimonjali tal-partijiet. Pjuttost jidher li dan l-episodju kien hjiel tan-nuqqas ta' kompatibbilita` bejn il-koppja u n-nuqqas ta' interess reciproku fl-affarijiet li kienu jinteressaw lill-parti l-ohra fiz-zwieg.

Filwaqt li jirrizulta mix-xhieda ta' omm l-attrici li l-attrici kienet thobb iddoqq fil-knisja u l-konvenut kien jiddeletta joghdos. Mill-assjem tal-provi jirrizulta li wara ftit taz-zmien il-partijiet ma baqghux juru interess bhal qabel fl-affarijiet ta' xulxin u bdew jitbieghdu minn xulxin tant li l-konvenut wera x-xewqa li jibda johrog wahdu. Madanakollu, ma tressqu ebda provi biex jintwera, u l-Qorti m'hijiex konvinta illi, dan it-tibdil fl-atteggjament, talanqas da parti tal-konvenut, jista' jinkwadra bhala kwalita` li kienet inerenti fil-konvenut qabel iz-zwieg kif imfissra fil-gurisprudenza in materja, wisq anqas li agixxa dolozament fil-konfront tal-attrici.

Pjuttost, il-Qorti hija tal-fehma illi dan huwa kaz car ta' zwieg li ma rnexxiex mhux minhabba elementi li gew mistura dolozament minn parti wahda fiz-zwieg izda minhabba nuqqas evidenti ta' interess reciproku, naxxenti minn karattri differenti li ma sabux kompatibilita' armonjuza fiz-zwieg. Il-Qorti lanqas tista' twarrab il-konsiderazzjoni li l-episodji li jissemmew fix-xhieda biex jissostanzjaw dan in-nuqqas ta' kompatibbilita`, ma sehhewx qabel jew immedjatament wara z-zwieg izda iktar minn sentejn wara. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, l-izvilupp negattiv fir-relazzjoni matrimonjali tal-partijiet u l-fatt li l-konvenut, evidentement, tilef l-interess fl-attrici u fil-hajja mizzewga, ma jistghu qatt isarrfu f'qerq adoperat fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg dwar xi kwalita` tal-konvenut irravvizat fis-subinciz (c) tal-Artikolu 19(1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta

Ikkunsidrat;

Dwar id-decizjoni tal-konvenut li ma jridx ikollu tfal miz-zwieg, il-Qorti lanqas tista' tirravviza xi qerq da parti tieghu. Jirrizulta inkontestat mid-depozizzjoni tal-konvenut illi d-decizjoni li ma jridx ulied hadha waqt iz-zwieg u mhux qabel. Din id-decizjoni jidher li kienet motivata minn diskors li l-konvenut kellu ma' terzi persuni ferm wara z-zwieg. Infatti l-konvenut xehed hekk fir-rigward:-

*"Fil-bidu li zzewwigna konna t-tnejn tal-fehma illi naghmlu familja u jien bqajt b'din l-istess fehma, u fil-fatt provajna kemm-il darba biex ikollna tfal. Pero`*

*meta lejn l-ahhar beda jinqala' certu dizgwid bejnietna kont ghidt lil A li jekk l-affarijiet mhux ser jitrangaw bejnietna ahjar jekk nieqfu nipprovaw."*

Din il-pozizzjoni tinsab konfortata mill-attrici nnifisha meta fl-Affidavit taghha xehdet illi kien ghall-habta ta' Jannar 2016 [kwazi tlett snin wara z-zwieg] li l-konvenut qalilha li ma jridx tfal, ghaliex jibza' li jitwieldu b'dizabilita`, u dan wara li kollega fuq ix-xoghol kien qallu hekk.

Il-Qorti hija konvinta illi l-bidla fil-hsieb tal-konvenut rigward l-ulied miz-zwieg, ma kienx manifestazzjoni doluza dwar xi hsieb mohbi li kellu biex ma jkollux tfal miz-zwieg. Ghall-kuntrarju l-Qorti hi tal-fehma illi dan sehh peress li snin wara li l-partijiet izzewgu r-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet sejra lura bir-rejalizzazzjoni tal-konvenut li kien hemm nuqqas ta' kompatibbilita` bejn il-koppja, kif ukoll mill-fatt li fl-istess zmien il-konvenut kien ghaddej minn perijodu difficli fuq ix-xoghol kif ukoll mill-ansjeta` ta' problemi ta' sahha fil-familja tieghu.

Ghal dawn il-motivi, iz-zwieg bejn il-partijiet ma jistax jitqies li huwa null abbazi tal-kawzali taht l-Artikolu 19(1)(c) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta

Ikkunsidrat;

**Kontradittorjeta' fit-Talbiet Attrici.**

Qabel xejn, peress illi l-attrici bbazat it-talba taghha ghan-nullita` taz-zwieg sew fuq is-subinciz (1)(f) kif ukoll fuq is-subinciz (1)(d) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255, ghandu jinghad illi diversi drabi gie dikjarat mill-Qrati taghna illi kawza dwar annullament ta' zwieg imsejsa fuq is-subinciz (1)(f) u fl-istess waqt ukoll fuq is-subinciz (1)(d), ghandha titqies li tikkontjeni talbiet kontradittorji. Ghalkemm ma jidhirx li tali kontradizzjoni twassal ghan-nullita' tal-att, pero` min-natura taghhom dawn iz-zewg kawzali flimkien inevitabbilment idghajfu lil xulxin.

Dwar l-inkompatibilita' bejn dawn iz-zewg sub-incizi intqal hekk fis-sentenza **Kenneth Cefai vs Louise Cefai**[14]:-

*"Ghar-rigward tal-kompatibilita` tas-sub-artikoli (d) u (f) imsemmija, din il-Qorti, ghal ennesima darba, tirribadixxi li talba bazata fuq dawn iz-zewg kawzali ma tistax, teknikament, treggi. Fil-kawza* ***Baldacchino v. Duan****, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Dicembru 2010, kien intqal hekk fir-rigward:- "It should be noted from the outset that, technically, this case should not have been discussed on its merits, as the two grounds put forward to support a claim for nullity cannot stand together and mutually exclude each other. While claiming that the spouses*

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Novembru 2011.

*had sufficient discretion to exclude an intention to marry (simulation), plaintiff is automatically excluding the grounds of lack of discretion; similarly, while claiming a lack of discretion, he is automatically rebutting the ground under paragraph (f), as this implies a positive act of discretion to exclude marriage."*

Il-Qorti ser titratta iz-zewg kawzali izda naturalment fl-isfond tal-gurisprudenza nostrana fir-rigward ta' kawzali kontradittorji bhal fil-kaz odjern.

**Nullita taht l-Artikolu 19(1)(d)**

***d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;***

Ikkunsidrat;

Gie diversi drabi ritenut li d-decizjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta' xi tfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizjoni ggib maghha. Ghalhekk huwa imperattiv li biex jigu stabbiliti x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi ta' koppja mizzewga, wiehed ihares lejn il-ligi civili kif regolat permezz tal-Kodici Civili.

**Il-Kodici Civili fl-Artikolu 2** intestat ***Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin*** jelenka l-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg:-

***Artikolu 2.***

*(1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.*

*(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.*

*(3). Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigiejiet tal-familja.*

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza **Alessandra sive Sandra Mc Monagle gia' Mamo vs Mario Mamo**[15], il-Qorti fissret illi sabiex jirrendi l-kunsens moghti ghaz-zwieg invalidu ai termini tas-subinciz (1)(d) tal-Artikolu 19, jehtieg illi:-

"*fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritiko estimattiva jew kritko valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.*" [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Il-gurisprudenza fir-rigward ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hija konkordi fis-sens illi d-difett li wiehed jevalwa, jifhem u jassumi d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li japprezza u jifhem x'ifisser iz-zwieg u l-hajja mizzewga, irid ikun wiehed gravi, tant illi m'huwiex kwalunkwe stat ta' immaturita` fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, iwassal ghall-annullament taz-zwieg minhabba nuqqas ta' *discretio judicii.*

Fis-sentenza **Mario Mizzi vs Maris Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru 2005, gie ritenut illi:-

"*Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.*"

Ikkunsidrat;

In-nuqqas tad-*discretio judicii* huwa tabilhaqq kuncett guridiku li ghandu affinita` inerenti mal-kapacita` ta' wahda mill-partijiet jew entrambi l-partijiet fiz-zwieg, li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. In propositu, fis-sentenza **Charles Atkins v. Matilde Atkins**[16], inghatat spjegazzjoni dettaljata tal-kuncett ta' *discretio judicii* li huwa rikjest biex tikkonvalida l-kunsens matrimonjali:-

"*Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm*

[15] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Ottubru 2000.
[16] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2003.

*difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi. ... Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.*"

Huwa rilevanti jigi senjalat ukoll li jinsab imfisser fil-gurisprudenza nostrana[17] illi b'immaturita` affettiva wiehed ma jifhimx sempliciment nuqqas ta' affett lejn il-parti l-ohra jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' imhabba. Lanqas il-fatt li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement jew ma tkunx hasbet jew irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, ma jitqiesx necessarjament bhala difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ghaliex f'kull kaz, id-difett riskontrat irid ikun wiehed serju u gravi u mhux ibbazat fuq incident uniku.

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi akkwiziti, ma jirrizultax li qabel iz-zwieg kien hemm sfond ta' diffikultajiet jew fatturi esterni fir-relazzjoni bejn il-partijiet, li setghu ma ghamluhiex facli ghall-partijiet sabiex jifformaw dik il-hajja mizzewga jew li jidhlu ghaz-zwieg b'mod matur u b'decizjoni libera taghhom. Jidher illi l-partijiet damu gharajjes madwar ghaxar snin qabel izzewgu u t-tnejn jaqblu li l-gherusija tal-partijiet zvolgiet b'mod normali. L-uniku intopp li jidher li nqala' kienet l-insistenza tal-konvenut li, ghad li l-attrici u l-genituri taghha ma rieduhx jakkwista sehem ta' nofs mid-dar matrimonjali li giet donata esklussivament lill-attrici, izomm rendikont tal-ispejjez u xoghol li wettaq fl-istess fond. Mill-provi jirrizulta li hemm qbil li l-konvenut kien ghamilha car mill-bidu nett li xtaq ikopri ruhu ghall-ispejjez u xoghol li ghamel fil-fond parafernali tal-attrici, u m'hemmx dubju li l-kuntratt li sar quddiem in-Nutar ghall-kostituzzjoni ta' dan il-kreditu sar bil-kuntentizza pjena tal-attrici.

Il-Qorti trid tissottolinea illi r-rieda ta' parti jew ohra fiz-zwieg li, qabel iz-zwieg jissalvagwardja xi drittijiet patrimonjali taghha, inkluz bl-eskluzjoni tar-regim patrimonjali tal-komunjoni tal-akkwisti jew komunjoni ohra tal-proprjeta`, ma jista' qatt wahdu jitqies bhala nuqqas ta' rieda jew volonta` li jkun hemm komunjoni tal-hajja konjugali kif tippretendi l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha.

Il-Qorti tosserva illi wara kollox, il-konvenut ried jixtri nofs id-dar ghaliex id-donazzjoni saret biss f'isem l-attrici filwaqt li hu ried li r-residenza matrimonjali tkun taghhom it-tnejn. Zgur li lanqas ma huwa l-kaz li, kif allegat l-attrici, il-konvenut irrifjuta li jinvesti fil-fond matrimonjali ghaliex ma jappartjenix lilu, u l-

[17] Ara r-rassenja tal-gurisprudenza in materja li tinsab fis-sentenza **Simon Cusens v. Romina Cusens**, *supra*.

fatt li ma investiex dejjem flus izda l-mano d'opera tieghu, ma jammontax ghal nuqqas ta' sens ta' komunjoni fis-sens li tfisser l-attrici.

Il-Qorti tosserva ulterjorment illi lanqas gew riskontrati problemi bejn il-koppja wara z-zwieg hlief wara li kien ghadda certu zmien, ossia iktar minn sentejn. L-attrici stess xehdet hekk fir-rigward:-

*"Fil-bidu li zzewwigna l-affarijiet ma kienux sejrin hazin. ... F'dak il-punt ghalija, ir-relazzjoni taghna kienet tigi l-ewwel u qabel kollox*"

Skont il-konvenut:-

*"Meta zzewwigna konna kuntenti hafna u ghal bidu konna sejrin tajjeb hafna konna naghmlu hafna affarijiet flimkien."*

La omm l-attrici u lanqas missierha ma taw hjiel ta' xi konflitti jew fatturi ohrajn li kienu ezistenti fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali u li setghu fixklu l-kapacita` tal-partijiet biex jirriflettu fuq l-oggett taz-zwieg.

L-attrici stess taghmel accenn ghall-fatt li kien f'Novembru 2015 meta innotat li l-konvenut "*kien qed igib ruhu differenti mis-soltu*". Dan it-tibdil fl-imgieba tieghu lejn l-attrici l-konvenut jattribwih lill-ansjeta` li kellu f'dak il-perijodu minhabba l-fatt li ommu mardet b'mod terminali meta fl-istess waqt kien ghaddej ukoll minn problemi fix-xoghol tieghu. L-attrici taqbel illi f'dan il-perijodu l-konvenut kien ghaddej mid-diffikoltajiet imsemmija u illi kien minn dan iz-zmien 'l hemm li r-relazzjoni taghhom bdiet sejra lura. L-attrici xehdet ukoll illi kien f'Jannar 2016 li l-konvenut beda jilmenta li ma riedx tfal u li l-koppja ma kienetx ghadha kompatibbli. Fir-rigward, huwa evidenti li d-dikjarazzjoni tal-attrici li l-partijiet kienu qieshom ahwa jghixu gol-istess dar, kjarament tirreferi ghall-ahhar perijodu tal-hajja matrimonjali taghhom meta l-konvenut kien diga` ghamilha cara li ma riedx jibqa' iktar fiz-zwieg, anke ghaliex din id-dikjarazzjoni tikkuntrasta sew ma' dak li xehdu entrambi l-partijiet dwar il-hajja taghhom bhala mizzewgin fil-perijodu immedjatament wara z-zwieg.

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta mill-assjem tal-provi li kien biss fis-sena 2016 u cioe` ferm wara z-zwieg, li sehhew l-episodji li skont il-partijiet taw lok ghall-problemi u diffikultajiet li jiccitaw in sostenn tan-nullita` taz-zwieg taghhom. Izda l-Qorti hija tal-fehma illi dawn l-episodji u diffikoltajiet zgur ma humiex fatturi determinanti li jaghtu lok ghal annullament. Wara kollox, kif inhuwa risaput, decizjoni hazina jew ir-rejalizzazzjoni, wara z-zwieg li l-koppja m'hijiex jew ma

ghadhiex kompatibbli, wahedhom ma jistghux isarrfu fil-vizzju tal-kunsens matrimonjali kontemplat mill-Artikolu 19(1)(d).

Omm l-attrici tikkonferma kif il-koppja ma baqghux interessati fl-affarijiet ta' xulxin u kienet cara wkoll meta xehdet li meta nqala' d-dizgwid bejn il-koppja, il-konvenut kien qed ihossu mgerfex u qalilha li ma jistax jiehu decizjoni. Il-fatt li l-konvenut hass ruhu mfixkel jew hass li ha decizjoni hazina in kwantu seta' rrejalizza, wara z-zwieg, li ma kienx ippreparat li jidhol fl-impenn ghaz-zwieg[18] u ma baqax cert minn dak li ried, ma jinkwadrax anzi huwa eskluz mill-parametri tan-nuqqas tad-*discretio judicii*. Kif gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna:-

"*Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati - in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju."*

Lanqas huwa sufficjenti ghall-annullament taz-zwieg:-

"*… li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju*[19].

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici ssemmi l-episodju dwar is-safra lejn l-Awstralja. Il-konvenut xehed inkontestat illi huwa rega' qanqal is-suggett ta' din is-safra li xtaq jaghmel, fis-sena 2016. Il-Qorti ma taqbilx illi din is-safra kienet avventura li l-konvenut ried jaghmel wahdu minghajr martu, ghaliex il-konvenut kien car fid-depozizzjoni tieghu illi huwa xtaq imur l-Awstralja akkumpanjat minn martu u kien biss minhabba r-reticenza taghha fir-rigward, li ppropona sussegwentement li jmur wahdu. Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti ma tirravvizax f'dan l-episodju, xi relevanza ghan-nullita` o meno tal-kunsens matrimonjali jew, fi kliem iehor, xi konflitt li li seta' jnaqqas mid-diskrezzjoni tal-gudizzju tal-konvenut ghall-kunsens matrimonjali.

L-attrici ssemmi wkoll l-episodju tal-mutur. Ghalkemm ma specifikatx meta kien sehh l-episodju tax-xiri tal-mutur, il-konvenut xehed li dan gara fis-sena 2016. Il-

[18] L-attrici xehdet hekk fir-rigward: "*Meta saqsejtu jekk kienx ihoss li kien preparat ghall-commitment taz-zwieg, ir-risposta kienet "Jien qatt ma zzewwigt qabel" u li ma kienx preparat ghalkemm korsijiet u laqghat ta' formazzjoni morna hafna"* – Fol. 29, paragrafu 12.
[19] **Stellina-A Vella Haber v. Joseph Gatt –** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' April 1996.

Qorti fliet ix-xhieda tal-partijiet u ma tistax twarrab il-verzjoni tal-konvenut illi huwa ma kienx gharraf lil martu dwar ix-xiri tal-mutur, biex jaghtiha sorpriza billi kien jaf li dak il-mudell ta' mutur kien joghgobha. Fuq kollox pero`, ma tistax lanqas taqbel mal-attrici li fl-imgieba tal-konvenut f'dan il-kaz, jista' jigi rravvizat xi difett fil-gudizzju li huwa relevanti ghan-nullita` taz-zwieg bejn il-partijiet, anke ghaliex dan l-episodju gara kwazi tliet snin wara z-zwieg.

Da parti tieghu, il-konvenut ifisser li fil-fehma tieghu, l-attrici baqghet wisq vicin ta' ommha u l-kelma tieghu fid-dar ma kienet tghodd xejn ghaliex l-attrici kienet dejjem tikkonsulta ma' u tisma' minghand ommha. Madanakollu, mill-episodji li rrakkontaw il-partijiet fix-xhieda taghhom, il-Qorti ma rriskontrat ebda interferenza da parti ta' omm l-attrici, la qabel iz-zwieg u lanqas fil-hajja matrimonjali li tista' b'xi mod titqies li setghet tfixkel serjament il-kunsens matrimonjali tal-attrici u tnaqqas mill-kapacita` interna u volittiva taghha biex tevalwa u tifhem l-obbligi taz-zwieg. Fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut ma jikkonvincix fl-allegazzjoni tieghu li l-attrici baqghet tghix hajja ta' xebba wara z-zwieg, ghaliex il-provi juru biss li l-attrici kienet u baqghet vicina t'ommha - li wara kollox kienet toqghod qrib hafna tal-koppja - u kienet tqatta' hin maghha, izda ma jirrizultax li dan kien isir a skapitu tal-konvenut. Fil-fatt, ma hemm ebda prova li omm l-attrici kellha xi prezenza fissa fid-dar matrimonjali, jew li l-attrici ma kienetx tmur lura d-dar jew tiskarta x-xoghol fid-dar, minhabba f'ommha. Skont ma xehed il-konvenut innifsu, l-attrici kienet torqod ghand ommha biss meta huwa kien ikun xoghol ta' bil-lejl ghaliex kienet tibza' torqod wahedha u xejn iktar.

Huwa minnu li omm l-attrici jidher li insistiet li tixtri purtieri li ghattew id-dawl mit-twieqi ta' wara tad-dar, u illi l-attrici stess kienet insistiet kontra l-oggezzjoni tal-konvenut illi tarma l-kcina fil-kamra t'isfel (minghajr ma ghabbiet lill-konvenut bl-ispejjez), izda l-Qorti ma tarax kif dawn l-episodji, li del resto graw wara z-zwieg bejn il-partijiet, setghu incidew negattivament fuq il-formazzjoni hielsa u libera tal-volonta` u kapacita` interna tal-partijiet li jidhlu ghar-rabta matrimonjali. Certament, l-indhil u influwenza ta' omm l-attrici ma kienx ta' xi entita` li wiehed jiehu l-impressjoni li infiltrat il-fabbrika tal-hajja konjugali tal-partijiet, anke ghaliex jidher li dan l-indhil kien limitat ghall-affarijiet koncernanti t-tizjin tad-dar u mhux fuq id-decizjonijiet tal-hajja konjugali bejn il-partijiet.

Dan qed jinghad b'mod generali, ghaliex il-Qorti hija konsapevoli tal-episodju meta l-koppja kellhom argument u l-genituri tal-attriciipprovaw jezercitaw pressjoni fuq il-konvenut biex jitlaq mid-dar matrimonjali. Madanakollu, jirrizulta wkoll illi dan l-incident gara fi zmien meta l-konvenut kien diga` evidentement iddejjaq fiz-zwieg u bl-ebda mod ma hija marbuta ma' xi imgieba ta' omm l-attrici qabel iz-zwieg, li dwaru, in propositu, ma ssemma assolutament xejn fil-provi. Ghall-kompletezza, il-Qorti tosserva wkoll li l-allegazzjoni tal-

attrici li l-konvenut seta' dahal ghal dan iz-zwieg minhabba pressjoni ta' familja jew socjeta` minhabba li l-partijiet kienu ilhom hafna zmien f'relazzjoni flimkien, ma giet sorretta minn ebda provi kwalsiasi, lanqas mill-konvenut innifsu.

Finalment, dwar l-allegazzjoni li ghamlet l-attrici[20] illi l-konvenut kien priv mill-kwalitajiet li setghu jwasslu ghal zwieg hieni u felici ghaliex fost ohrajn ma kellux sens ta' komunjoni u lanqas ried ulied miz-zwieg, il-Qorti tqis li anke din l-allegazzjoni ma gietx konfortata mill-provi. Pjuttost, hija tal-fehma li ghalkemm maz-zmien jidher li entrambi l-partijiet tbieghdu minn xulxin u bdew jiffokaw fuq l-interessi taghhom personali milli f'xulxin, il-partjiet kienu hadmu flimkien f'diversi aspetti tal-hajja mizzewga, sew qabel kif ukoll wara z-zwieg, fosthom meta fethu kontijiet bankarji kongunti ghall-ispejjez tal-ghajxien taghhom u ghat-tfaddil, siefru flimkien tliet darbiet matul iz-zwieg[21] kif ukoll akkwistaw garaxx waqt iz-zwieg. Fuq kollox, kif gia` nghad, jirrizulta wkoll inkontradett illi l-konvenut ried addirittura jixtri nofs il-fond matrimonjali ghaliex filwaqt li d-donazzjoni tal-fond saret f'isem l-attrici biss, il-konvenut ried li r-residenza taghhom tkun taghhom it-tnejn.

Ikkunsidrat;

Fil-fehma tal-Qorti, iz-zwieg bejn il-partijiet ma kien xejn hlief zwieg normali li sfortunatament ingheleb bil-piz tal-isfidi, perijodi difficli u incertezzi li inevitabbilment ikollhom jirrinfaccjaw f'xi zmien jew iehor il-konjugi fil-hajja mizzewga. F'dan il-kaz, il-partijiet minflok gharfu jikkombattu flimkien l-isfidi li, f'dan il-kaz, inqalghu bla dubju wara z-zwieg u minghajr ebda rabta mal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, qatghu qalbhom u z-zwieg ikrolla.

Evidentement, il-konvenut kien imfixkel u mdejjaq ghaliex seta' ra nuqqas ta' kompatibbilita` fi zmien meta kien ghaddej minn perijodu difficli, izda dan ma jfissirx li hemm xi prova fl-atti li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, xi hadd mill-partijiet kien nieqes fil-kapacita` u l-volonta` mehtiega biex jidhol ghar-rabta taz-zwieg. Pjuttost bil-kontra Il-Qorti tirreferi ghal dak li xehed il-konvenut f'eghluq l-Affidavit tieghu, fejn jistqarr li gharaf in-nuqqasijiet tieghu u jixtieq illi flimkien il-koppja tfittex ghajnuna professjonali biex forsi jergghu jinghaqdu flimkien.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi l-fatt li z-zwieg ta' bejn il-partijiet ma rnexxiex ma jwassalx awtomatikament ghall-konkluzjoni li kien hemm difett fil-kunsens matrimonjali taghhom. Kif inghad, l-immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni:-

[20] Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha.
[21] Affidavit ta' Joseph B – paragrafu 10, fol. 33.

*"non si referiscono ad una piena e terminali maturita', non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di cio che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo- affettivo, ne' infine una conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l'uso del termine discrezione di gudizzju, che fa riferimento ad un certo discernimento, ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena".*[22]

Illi fil-kaz odjern ma rrizultax li l-partijiet, jew xi hadd minnhom, kellhom l-inkapacita` psikika li jifhmu l-obbligazzjonijiet matrimonjali li kienu dehlin ghalihom, jew li kellhom grad tant baxx ta' maturita` li rrendithom inkapaci li jaghrfu dawn l-obbligi. Lanqas ma huwa ppruvat li l-attrici jew il-konvenut kienu immaturi b'mod li l-kunsens matrimonjali taghhom kien vizzjat – ma jirrizulta lanqas hjiel ta' prova f'dan is-sens. Huwa rilevanti wkoll il-fatt li meta l-partijiet izzewwgu kellhom entrambi kwazi 30 sena u kienu ilhom diversi snin johorgu flimkien qabel izzewgu. Il-fatt illi z-zwieg falla ghaliex minflok ma komplew jimmaturaw f'komunjoni ta' hajja u mhabba, il-partijiet tbieghdu minn xulxin u l-konvenut b'mod partikolari, irriskontra incertezzi dwar il-kompatibbilita` tieghu mal-attrici u l-futur taz-zwieg taghhom, zgur li ma jistax, wahdu, iwassal ghall-konkluzjoni illi xi hadd mill-partijiet dahal fiz-zwieg minghajr ma fehem l-obbligi u doveri tal-hajja mizzewwga. Din l-allegazzjoni u allegazzjonijiet ohra maghmula mill-attrici fir-Rikors promotur u fix-xhieda taghha, fosthom in-nuqqas ta' komunjoni fil-finanzi u l-allegazzjoni li l-konvenut kien beda jqatta' hin ma' shabu wara x-xoghol u f'attivitajiet ohra, huma fatturi li jista' jkollhom relevanza fi proceduri ta' separazzjoni personali imma ma jistghux jitqiesu bhala bazi ghal dikjarazzjoni ta' nullita` taz-zwieg.

F'kull kaz ma jirrizultax li dawn il-fatturi xekklu jew fixklu il-volonta` tal-konvenut li jaghti kunsens matrimonjali validu, u lanqas juru nuqqas ta' dixxerniment da parti tieghu dwar l-obbligi essenzjali taz-zwieg. L-atteggjament u l-komportament tieghu kif deskritti mill-attrici jiccentraw fuq il-hajja taghhom wara z-zwieg u ma jirrilevaw xejn ta' portata dwar il-komportament tieghu qabel iz-zwieg li jista' jwassal ghall-konkluzjoni li hu ma kellux il-grad ta' maturita` sufficjenti biex jaghti kunsens matrimonjali validu. L-istess konsiderazzjonijiet japplikaw bl-istess mod anke fil-konfront tal-attrici.

[22] Pompedda – *Il Consenso Matrimoniale*, citat fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili **Nicholas Agius v. Rita Agius** deciza 25 Mejju 1995, u fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell **Caroline Grech v. Ian Borg** deciza fis-27 ta' Jannar 2006.

In konkluzjoni issir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Christine Ellul v. Brian Ellul** deciza mill- Prim'Awla fil-21 Ottubru 2002, fejn il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjoni:-

*"Naturalment wiehed jasal biex jissimpatizza mal-qaghda taghhom illi z-zwieg ma rnexxiex kif forsi xtaqu huma. Dan pero` ma jinducix ghar-rizultat illi gie provat konkluzivament u b'mod moralment konvincenti illi l-kontendenti ma ghamlux l-ghazliet taghhom volutament u b'mod liberu ezenti minn pressjonijiet. Jekk l-ghazla singolari jew kongunta taghhom kienet zbaljata dan m'ghandux iwassal sal-punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. ... Kapaci wkoll jservi ta' pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa' fis-sehh."*

Il-Qorti hi tal-fehma li dawn il-konsiderazzjonijiet japplikaw perfettament ghall-kaz odjern.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tiddeciedi illi t-talba attrici imsejsa fuq l-Artikolu 19 sub-inciz (1) (d) tal-Kap. 255 hija infondata u ghalhekk qed tigi respinta.

**<u>Nullita taht l-Artikolu 19(1)(f)</u>**

***<u>f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.</u>***

Huwa relevanti fil-konsiderazzjoni dwar in-nullita` o meno taz-zwieg bejn il-partijiet taht il-kappa tal-Artikolu 19(1)(f), il-fatt illi kif stabbilit, il-partijiet ma kienux neqsin mid-discretio judicii sabiex jidhlu ghal rabta matrimonjali validu u pjuttost kellhom il-konoxxenza mehtiega tal-obbligi u drittijiet konjugali li kienu dehlin ghalihom. Sabiex wiehed jeskludi z-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, irid ikun evalwa u fehem proprju x'inhuma dawn l-elementi.

Kif ritenut fis-sentenza **Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine**[23]:-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, <u>allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg</u>, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-*

[23] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 28 ta' April 2002.

*zwieg……hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."* [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Gie ulterjorment ritenut fis-sentenza **Al Chahid vs Mary Spiteri**[24] illi:-

*"... wiehed jinnota li taht l-artikolu 19 (1) (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estrmi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi l-gurisprudenza in materja hija konkordanti illi sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg taht l-Artikolu 19(1)(f), irid jigi necessarjament ippruvat ukoll li xi wiehed mill-partijiet eskluda z-zwieg innifsu jew wiehed mill-elementi necessarji taz-zwieg, kif ukoll li xi wiehed mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni tal-kunsens tieghu jew taghha.

Skont kif ritenut fis-sentenza recenti **Simon Cusens vs. Romina Cusens**[25], sabiex zwieg jigi kkunsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz, irid jirrizulta ppruvat li entrambi l-partijiet jew xi hadd mill-partijiet tkun hadet decizjoni li ghalkemm ser tippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg[26]. Fi kliem iehor, filwaqt li esternament tidher li qed taghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali, dik il-parti tkun fl-istess hin u minn qabel ma tat il-kunsens taghha, diga` mentalment eskludiet a priori d-dispozizzjoni taghha li tottempera ruhha ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali.

Fl-istess vena, gie ritenut hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins**[27]:-

*"Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra".*

---

[24] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju 2002.

[25] 104/2010, deciza minn din il-Qorti kif preseduta fl-10 ta' Dicembru 2014, u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Frar 2016.

[26] Tezisti gurisprudenza ampja in materja, fosthom is-sentenzi **Galea vs Walshi** (Prim'Awla tal-Qorti Civili – 30 ta' Marzu 1995); **Muscat vs Borg Grech** (Prim'Awla tal-Qorti Civili - 14 ta' Awissu 1995); **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** (Qorti ta' l-Appell – 27 ta' Jannar 2006).

[27] Deciza 2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

Ikkunsidrat;

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-attrici tissottometti li z-zwieg kien null taht dan is-subinciz, fuq is-segwenti fatti [i] skont ommha, il-konvenut qal li kien iddejjaq jilbes maskra; [ii] hi kienet biss sors ta' flejjes ghall-konvenut; [iii] il-konvenut izzewwigha minhabba pressjoni ta' familja, cirkostanzi u socjeta` u [iv] il-konvenut ma fehemx il-funzjoni tieghu fiz-zwieg u kien imdejjaq.

Il-konvenut, da parti tieghu jikkontendi illi l-attrici eskludiet pozittivament iz-zwieg ghaliex baqghet dejjem iggib ruhha mhux ta' mara mizzewga izda bhalma kienet meta kienet ghadha tghix ghand ommha[28].

Terga' ssir referenza f'dan l-istadju ghas-sentenza fuq citata fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins** fejn gie ritenut li:-

*"... rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cioe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied."*

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Abdel Wahed vs. Dr. Yana Micallef Stafrace et noe**[29], elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-"*komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied*"[30]. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **Aquilina vs. Aquilina**[31] u fis-sentenza **Grech vs. Grech**[32].

Ikkunsidrat;

Applikati dawn il-principji ghaz-zwieg bejn il-partijiet f'din il-kawza, il-Qorti tqis li ma ngabu ebda provi biex jintwera kif xi hadd mill-partijiet eskluda, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, iz-zwieg jew wiehed mill-elementi tieghu. Kif gia` stabbilit fil-konsiderazzjonijiet maghmula ghall-finijiet tal-Artikolu 19(1)(c) u (d), il-fatturi msemmija mill-attrici fil-qafas ta' din il-kawzali, ma ghandhom ebda rabta jew relevanza mal-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali u lanqas jistghu jinkwadraw bhala elementi essenzjali taz-zwieg kif imfisser mit-taghlim gurisprudenzjali fuq citat.

---

[28] Nota guramentata tal-konvenut a fol. 9.
[29] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 14 ta' Lulju 1994.
[30] Citata mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza 237/14.
[31] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 30 ta' Jannar 1991.
[32] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 9 ta' Orrubru 1990.

L-uniku fattur li jista' jkollu relevanza huwa dak li jaccenna ghalih il-konvenut meta jsostni illi l-attrici, minkejja z-zwieg, baqghet tghix ta' xebba bhallikieku kienet ghadha tghix ghand ommha. Izda l-Qorti tqis illi dan l-aspett tal-imgieba tal-attrici, ma giex ippruvat u lanqas intwera li gie eskluz pozittivament mal-ghoti tal-kunsens matrimonjali.

Fir-rigward, il-Qorti tirribadixxi li ma hijiex konvinta illi l-attrici baqghet tghix hajja ta' xebba wara z-zwieg, ghaliex il-provi juru biss li l-attrici baqghet vicina t'ommha - li wara kollox kienet toqghod qrib hafna tal-koppja - u kienet tmur ghandha kuljum, izda ma jirrizultax li dan kien isir a skapitu tal-konvenut jew li l-attrici kienet tiskarta mid-dar matrimonjali jew mix-xoghol fid-dar, minhabba f'ommha. Certament il-konvenut ma fissirx kif u b'liema mod din il-presenza tal-kunjata tieghu f'hajjet martu naqqset mill-komunjoni tal-hajja u l-imhabba bejn il-konjugi. Wara kollox, skont ma xehed il-konvenut innifsu, l-attrici kienet torqod ghand ommha biss meta huwa kien ikun xoghol ta' bil-lejl ghaliex kienet tibza' torqod wahedha, u xejn iktar. Huwa ppruvat ukoll li l-attrici kienet qrib hafna wkoll tal-genituri tal-konvenut.

Jigi osservat ukoll li l-attrici nnifisha tichad din l-allegazzjoni tal-konvenut meta stqarret kjarament illi hi dejjem tat appogg lil zewgha f'kull decizjoni li kien jiehu u li ghaliha, "*ir-relazzjoni taghna kienet tigi l-ewwel u qabel kollox*".

Ferm il-premess, il-Qorti hija tal-fehma li m'hemmx l-estremitajiet biex fl-imgieba tal-attrici tigi ravvizata l-eskluzjoni pozittiva da parti tal-attrici tal-komunjoni tal-hajja matrimonjali fis-sens rikjest ghall-finijiet ta' nullita` taz-zwieg a tenur tal-Artikolu 19(1)(f).

Il-Qorti zzid li, fil-fehma taghha, lanqas id-decizjoni tal-konvenut li ma jkollux tfal minn dan iz-zwieg ma tikwalifika bhala eskluzjoni ghall-finijiet tal-Artikolu 19(1)(f) ghaliex id-decizjoni li ma jridx ulied il-konvenut hadha snin wara c-cerimonja taz-zwieg u mhux qabel, u jidher li kienet motivata minn diskors li l-konvenut kellu ma' terzi persuni ferm wara z-zwieg[33].

Din il-pozizzjoni tinsab korroborata mill-attrici nnifisha meta fl-Affidavit taghha xehdet illi kien ghall-habta ta' Jannar 2016 li l-konvenut qalilha li ma jridx tfal, ghaliex jibza' li jitwieldu b'dizabilita`, u dan wara li kollega fuq ix-xoghol kien qallu hekk. Qabel dak iz-zmien huma kienu ippruvaw diversi drabi sabiex ikollhom l-ulied.

[33] Infatti l-konvenut xehed hekk fir-rigward:- *"Fil-bidu li zzewwigna konna t-tnejn tal-fehma illi naghmlu familja u jien bqajt b'din l-istess fehma, u fil-fatt provajna kemm il-darba biex ikollna tfal. Pero` meta lejn l-ahhar beda jinqala' certu dizgwid bejnietna kont ghidt lil A li jekk l-affarijiet mhux ser jitrangaw bejnietna ahjar jekk nieqfu nipprovaw."*

Billi mill-provi ma jirrizultax li xi hadd mill-partjiet eskluda xi wahda mill-elementi essenzjali taz-zwieg jew li kien hemm simulazzjoni, assoluta jew parzjali tal-kunsens ghal dan iz-zwieg, il-Qorti qed tiddeciedi illi ma rrizultawx l-estremi kontemplati fl-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tiddisponi mir-risposta guramentata tal-konvenut konformement ma' dak hawn deciz, tichad it-talbiet ta' l-attrici.

Fic-cirkostanzi, kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

**Imhallef** **Deputat Registratur**